MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 63/2010/1

**John A. Said f’ismu proprio u
kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u
in rapprezentanza tas-socjeta` Hbieb tal-Annimali**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent u appell incidentali mill- intimat Avukat Generali minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Marzu 2011.

2. Il-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet billi filwaqt li cahdet ir- risposta tal-intimat Avukat Generali, laqghet it-talbiet tar-rikorrent limitatment in kwantu gie lez id-dritt ghall-ghoti tas-sentenza fi zmien xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kkundannat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,000 in linea ta' danni. Bl-ispejjez ghall-intimat[1].

3. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors tas-27 ta' Ottubru 2010 fejn ir-rikorrenti qed ighid hekk:

"1. Illi nhar id-19 ta' Ottubru 1998 giet prezentata kawza fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited gia maghrufa bhala Vassallo Builders Limited vs John A. Said f'ismu proprrio u kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Hbieb tal-Annimali* (Citaz. Nru: 2092/98). F'din il-kawza gie premezz hekk:

*"Peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut John A. Said u tas-socjeta' Hbieb tal-Annimali fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u tmenin Liri Maltin (Lm6,480), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi xogholijiet, komprizi xogholijiet ta' kostruzzjoni, esegwiti f'Manoel Island provduti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenuti.*

*"Peress illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12*

[1] Ara digriet tal-11 ta' April 2011.

*tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

*"Peress illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas, inkluza ittra legali tas-7 t'Awwissu 1997, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux.*

*"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:*

*"(i) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici b'dispensa tas-smigh tal-kawza ai temini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"(ii) Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef erba' mija u tmenin Liri Maltin (Lm6,480), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi xogholijiet, komprizi xogholijiet ta' kostruzzjoni, esegwiti f'Manoel Island provduti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenuti.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Awwissu 1997, u bl-imghax legali dekoribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament, kontra l-istess konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni';*

"2. Illi din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-Erbgha 11 ta' Novembru 1998;

"3. Illi fuq rikors tal-konvenut John A. Said minhabba li fid-data appuntata kien se jkun imsiefer, l-istess konvenut John A. Said talab differiment, li ma giex oppost, u ghalhekk il-kawza thalliet ghat-18 ta' Jannar 1999;

"4. Illi fit-18 ta' Jannar 1999 l-esponent, f'dawk il-proceduri konvenut, talab li jikkontesta t-talba attrici u l-Qorti wara li semghet lill-konvenut laqghet it-talba u taghtu ghoxrin gurnata zmien ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet;

"5. Illi l-esponent ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fid-29 ta' Jannar 1999 li kienet taqra hekk:

‘*1. Illi l-eccipjenti hu responsabbli biss ghax-xoghol li ghamlet is-socjeta’ attrici minn dak ix-xoghol li hu inkarigha sabiex taghmel a tenur tal-ftehim ta’ bejn il-kontendenti tas-7 ta’ Awwissu 1995 (Dok. A); dejjem naturalment skond il-prezzijiet pattwiti.*

*‘2. Illi l-eccipjenti ma kienx inkariga lis-socjeta’ attrici taghmel xoghol aktar minn dak imsemmi fil-ftehim citat.*

*‘3. Illi kull xoghol extra ghandu jhallas ghalih minn ordnah; minn dak li rrizulta lill-eccipjenti dan ix-xoghol extra gie ordnat minn ufficjali tal-Ghaqda ”The Island Sanctuary” – ghaqda totalment distinta mill-Ghaqda Hbieb tal-Annimali.*

*‘4. L-eccipjenti jidhirlu li s-somma ta’ tlett elef, tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm3,850) li thallset lis-socjeta’ attrici kienet tkopri sufficcjentement ix-xoghol li ghamlet is-socjeta’ attrici minn dak ix-xoghol li giet inkarigata li taghmel mill-eccipjenti permezz tal-iskrittura tas-7 ta’ Awwissu 1995.*

*‘5. Salvi eccezzjonijiet ohra’;*

“6. Illi b’digriet tat-3 ta’ Novembru 2000, l-avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, gew ammessi fil-kawza *in statu et terminis*, liema digriet thassar *contrario imperio* b’digriet tad-9 ta’ Frar 2001; u b’Nota tal-21 ta’ Gunju 20001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco u Roger Aquilina assumew l-atti tal-kawza f’isem l-assocjazzjoni *Hbieb tal-Annimali;*

“7. Illi fit-3 ta’ Dicembru 2003 il-kawza surriferita giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Marzu 2004;

“8. Illi din il-kawza, wara trapass ta’ tnax-il sena (12), giet finalment deciza mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Ottubru 2010. Fid –decide l-Qorti qalet:

*‘Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba, u dan fid-dawl tad-digriet moghti fit-18 ta’ Jannar 1999;*

*‘Tilqa’ l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-imharrek proprio u nomine;*

*‘Tichad ir-raba’ eccezzjoni taghhom u, limitatament, tilqa’ t-tieni talba attrici billi tikkundanna lill-imharrek proprio u nomine jhallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ elfejn u mitejn u sitta u tletin euro u tlieta u erbghin centezmi (€2,236.43) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ xoghol appaltat maghmul mill-istess kumpanija attrici skond il-ftehim tal-appalt tas-7 ta’ Awwissu, 1995, bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma b’sehh mis-27 ta’ Ottubru 1998, sal-jum tal-hlas effettiv; u*

*‘Tordna li, bi thaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-kumpanija attrici thallas hames partijiet minn sitta (5/6) mill-ispejjez tal-kawza filwaqt li l-imharrek proprio u nomine jhallas il-parti minn-sitta (1/6) l-ohra’.*

“9. Illi minn din id-decizjoni l-esponent ma interpona l-ebda appell;

“10. Illi mis-suespost jirrizulta li t-trapass ta’ tnax-il sena (12) sabiex il-kawza odjerna tigi deciza huwa wiehed ingustifikat u irragonevoli, u dan mehud in kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kawza kienet ta’ natura semplici u ma kienet tinvolvi ebda kumplikazzjonijiet jew punti legali li jiggustifikaw tali trapass ta’ zmien;

“11. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ dawn il-proceduri, ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghaliex din il-kawza kellha ddum tnax-il sena (12) sabiex tigi mismugha u deciza;

“12. Illi b’konsegwenza diretta ta’ dan id-dewmien eccessiv u ingustifikat u in vista tad-decizjoni tal-Qorti li decidiet li fuq is-sorte ta’ elfejn u mitejn u sitta u tletin euro u tlieta u erbghin centezmi (€2,236.43) ghandu jiddekorri imghax legali fuq l-imsemmija somma b’sehh mis-27 ta’ Ottubru 1998 sal-jum tal-hlas effettiv l-esponent sab ruhu

f'sitwazzjoni li l-imghax zdied konsiderevolment u ghalhekk huwa se jkollu jhallas komplessivament somma li teccedi l-erbat elef Euro sewwa (€4,000);

"13. Illi mill-iter processwali jirrizulta li r-rikorrenti dejjem issokkomba ghal kull ordni tal-Qorti sabiex jidher quddiemha u li d-dewmien certament ma kienx minhabba fih;

"14. Illi fil-fehma tar-rikorrenti dan l-istat ta' fatt huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti w imparzjali fi zmien ragonevoli u dan kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara li bil-proceduri fl-ismijiet 'Vassallo Builders Group Limited gia maghrufa bhala Vassallo Builders Limited vs John A. Said f'ismu proprio u kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Hbieb tal-Annimali*; u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2000, l-avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, gew ammessi fil-kawza *in statu et terminis,* liema digriet thassar *contrario imperio* b'digriet tad-9 ta' Frar 2001; u b'Nota tal-21 ta' Gunju 2001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco u Roger Aquilina assumew l-atti tal-kawza f'isem l-assocjazzjoni *Hbieb tal-Annimali*' (Citaz. Nru: 2092/98) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010 gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti w imparzjali fi zmien ragonevoli;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

"3. Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi w opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss kumpens pekunjarju

konsistenti f'danni materjali sofferti senjatament l-imghax li huwa jkollu jhallas; kif ukoll danni morali ghall-vjolazzjoni sofferta.

"Bl-ispejjez.

"Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn irrisponda hekk:

"Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-tul tal-proceduri civili fil-kawza fl-ismijiet *'Vassallo Builders Group Limited gia maghrufa bhala Vassallo Builders Limited vs John A. Said f'ismu proprio u kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Hbieb tal-Annimali; u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2000, l-avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, gew ammessi fil-kawza in statu et terminis, liema digriet thassar contrario imperio b'digriet tad-9 ta' Frar 2001; u b'Nota tal-21 ta' Gunju 2001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco u Roger* Aquilina assumew l-atti tal-kawza f'isem l-assocjazzjoni *Hbieb tal-Annimali*' (Citaz. 2092/1998) allegatament jiksru d-drittijiet tal-istess rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli protetti permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

"1. Illi in *linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru 2010 specjalment relattiv ghall-imghaxijiet legali fl-ismijiet *'Vassallo Builders Group Limited gia maghrufa bhala Vassallo Builders Limited vs John A. Said f'ismu proprio u kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Hbieb tal-Annimali; u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2000, l-avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, gew ammessi fil-kawza in statu et terminis, liema digriet thassar contrario imperio b'digriet*

*tad-9 ta' Frar 2001; u b'Nota tal-21 ta' Gunju 2001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco u Roger* Aquilina assumew l-atti tal-kawza f'isem l-assocjazzjoni *Hbieb tal-Annimali*' (Citaz. 2092/1998). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali;

"2. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrent qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom ir-rimedju ta' appell sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. L-ilment tar-rikorrenti huwa illi l-imghax 'zdied konisderevoloment u ghalhekk huwa se jkollu jhallas komplessivament somma li teccedi l-erbat elef Euro sewwa'. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi ghall-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

"Illi ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;

"3. Illi l-esponenti jirrileva illi stante li l-mertu ta' dan ir-rikors jirrigwarda t-tul ta' proceduri, jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni tal-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet *'Vassallo Builders Group Limited gia maghrufa bhala Vassallo Builders Limited vs John A. Said f'ismu proprio u kif ukoll bhala ufficjal u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Hbieb tal-Annimali; u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2000, l-avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, gew ammessi fil-kawza in statu et terminis, liema digriet thassar contrario imperio b'digriet tad-9 ta' Frar 2001; u b'Nota tal-21 ta' Gunju 2001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farrugia Sacco u Roger* Aquilina assumew l-atti

tal-kawza f'isem l-assocjazzjoni *Hbieb tal-Annimali*' (Citaz. 2092/1998) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010;

"L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti stess kienu jahtu ghat-tul illi hadet biex giet konkluza l-kawza u dan billi sahansitra fl-ewwel seduta intalab diferiment da parti tar-rikorrenti, intalbu diversi differimenti successive ohra ammontanti komplessivament ghall-perjodu ta' sena sabiex l-istess rikorrenti jirregolaw ruhhom, ir-rikorrent ikkontribwixxa ghad-dewmien wkoll meta wara li talab li jressaq xhieda *viva voce* u l-Qorti laqghet tali talba l-istess rikorrent irrinunzja ghal tali xhieda;

"Illi skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss elementi jew parti wahda minn din il-procedura;

"Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda w inkonsulta;

"Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-ligi;

"Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli;

"Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

"Bl-ispejjez.

"Rat l-atti kollha inkluz l-affidavit tar-rikorrenti tat-2 ta' Dicembru 2010, l-inkartament tal-atti tal-kawza fl-ismijiet

Vassallo Builders Group Limited vs John Said (Citaz. 2092/98) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

“**Ikkunsidrat**

“Illi dan hu rikors ibbazat fuq allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem a tenur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi r-rikorrent gie privat minn smigh xieraq fi zmien ragonevoli. Hu qed jibbaza l-lanjanza tieghu fuq zewg binarji, cioe t-tul tal-procedimenti sa meta l-kawza ntbaghtet ghas-sentenza fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited vs John Said (Citaz. 2092/98) u d-dewmien fl-ghoti tal-istess sentenza, fejn fiz-zewg kazijiet ir-rikorrenti qed jallega li kien bla ebda htija ghal tali dewmien.

“**Ligi**

“In materja ta' gurisprudenza din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet David Marinelli vs Avukat Generali et deciza fit-3 ta' Lulju 2008 fejn intqal hekk:

“B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzki kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:

“1. in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni,
“2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
“3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.

“Kif ziedet il-Qorti fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali deciza fis-27 ta' Gunju 2003 rigward il-kriterji uzati biex jigi determinat jekk proceduri nstemghux u nqatghu fi zmien ragonevoli:

“S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok

ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli

“When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a acreful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions. In the *Bunkate* Case for instance, a criminal case, the relevant period lasted two years and ten months. The lapse of time was amongst other factors caused by a period of total inactivity of fifteen and a half months between the filing of the appeal on points of law and the reception of the case-file by the registry of the Supreme Court. This period in itself infringed the reasonable-time requirement. On the other hand, in the *Boddaert* Case it took slightly more than six years to determine the ‘criminal charge’. This lapse of time did not violate Article 6. Comparable differences may be noted as far as civil proceedings are concerned. In the *Ciricosta and Viola* Case an overall period of more than fifteen years did meet the requirements of Article 6(1), but a lapse of time that lasted four years and five months in the *Pugliese II* Case did not pass muster”. (Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449).

“Mill-banda l-ohra wiehed irid ukoll iqis dak li ntqal mill-Qorti fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali et deciz fil-11 ta’ Awwissu 2003 fejn intqal hekk:

“Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa’ l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema’ l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x’ aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f’ xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta’ dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja *o meno* tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta’ kawzi “qodma” (*backlog*) li “jitghabba” bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta’ kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista’ “jiret” meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.

“Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t’ amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f’ pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.

“Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

“*…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche***

***de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994)* – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).”

“Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom “*the complexity of the case, and …. the conduct of both the applicant and the competent authorities* (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll “*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*” (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).

“**Fatti**

“Applikati dawn il-principji regolaturi fil-materja l-Qorti trid tara fil-konkret it-tul tal-proceduri u r-raguni ghalilhom fil-kaz specifiku cioe in kwantu ghal proceduri fil-kawza fl-ismijiet Vassallo Builders Limited vs John Said deciza fil-5 ta’ Otturbu 2010.

“Mill-atti esibiti jirrizulta illi l-kawza nbdiet fis-27 ta’ Ottubru 1998 u ntbaghtet ghas-sentenza fit-3 ta’ Dicembru 2003. Ghalkemm ghaddew hames snin biex inghalqu l-provi, l-atti juru illi ma kienx hemm waqfien ingustifikat fil-gbir tal-provi tant li sal-ahhar differiment qabel il-kawza ntbghatet ghas-sentenza l-istess rikorrent kien ghadu qed jitlob li jtella aktar xhieda li fil-fatt ’l quddiem irrinunzja ghalihom. Id-differimenti u l-verbali juru illi ma kienx hemm xi nuqqas attribwibbli lil xi parti jew tas-sistema gudizjarja li jista’ jaghti lok ghal kriterju ta’ irragonevolezza kif trid il-ligi.

“Madanakollu l-Qorti thoss illi mindu nghalqu l-provi sas-sentenza ghaddew kwazi seba’ snin minghajr ma rrizulta xi raguni gustifikabbli ghalfejn din il-kawza, li ma kienitx daqshekk komplessa, kellha ddum daqshekk snin biex tinqata. Il-verbali tad-differimenti ma jaghtux raguni gustifikativa ghat-tul li ttiehed biex jinghata l-gudikat u ghalkemm kif intqal fis-sentenzi citati l-Qrati jkunu mghobbija b’hafna xoghol u problemi amministrattivi b’daqshekk ma jfissirx li persuna ghandha tissokkombi ghal dan it-tul u dewmien kollu bla ebda htija tieghu jew gustifikazzjoni cara da parti tal-Qrati.

"F'dan is-sens il-Qorti tqis li r-rikorrenti ghandu ragun jilmenta limitatament ghad-dewmien fl-ghoti tas-sentenza li per causa ta' dan id-dewmien hu gie kkundannat ihallas imghax fuq somma likwidata mill-Qorti in litigazzjoni mid-data tal-prezentata tal-kawza kontrih tal-hlas eventwali hlas li seta' sar qabel, li kieku s-sentenza ma damitx seba' snin biex inghatat. Ma jistax jinghad li r-rikorrenti seta' ddepozita s-somma li gie finalment ikkundannat ihallas qabel bdiet il-kawza peress illi l-ammont mitlub mill-atturi f'dik il-kawza kien ferm ghola minn dak li l-konvenut (ir-rikorrent prezenti) kien accetta li hu dovut ghal xogholijiet u li eventwalment gie kkundannat ihallas mill-Qorti. Il-vertenza ma kienitx wahda li dwarha r-rikorrenti prezenti seta' ghamel xi haga biex jilimita l-hsara u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li r-rikorrenti ma kienx gustifikat fil-lamentala tieghu quddiem dik il-Qorti anzi s-sentenza tal-Qorti mertu tal-lamentala prezenti turi li l-ammont li kien qed jintalab ihallas bhala bilanc ta' prezz akbar kien xi sitt darbiet ghola minn dak li l-Qorti kkannonizzat kontrih bis-sentenza taghha.

"Lanqas jista' jinghad li r-rikorrenti kellu r-rimedju ta' appell minn dik is-sentenza u dan ma ezawriex dan ir-rimedju qabel intavola l-kawza kostituzzjonali. Ir-rikorrenti mhux jilmenta mis-sentenza, cioe l-mertu li dwaru l-Qorti ppronunzjat ruhha fuqu. Kwindi appell fuq l-imghax li skond il-ligi jiddekorri mad-data tal-prezentata tal-att gudizzjaru fuq ammont specifiku u determinabbli kien ikun superflu u hela ta' hin billi l-Qorti tal-Appell ma kienx ikollha ebda jedd tnaqqas jew telimina l-ghoti ta' imghax, kif mitlub fl-att promotur kemm il-darba s-sentenza fuq il-mertu mhux qed jigi appellat. Il-kwistjoni tad-dewmien tal-ghoti tas-sentenza ma kien ikollha ebda rilevanza f'Qorti ta' Appell minn sentenza tal-Prim Istanza fuq kanonizazzjoni ta' debitu [ara 'O'Conor vs Bruno Olivier' (Vol. XVI pg. 84)]. Inoltre l-fatt li l-ewwel Qorti iriduciet l-ammont mitlub ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll ighaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti ma llikwidat ebda ammont li kienet tiggustifika lir-rikorrent jappella mis-sentenza tal-Prim Istanza u jappilja mal-massima *in illiquidis non fit mora.*

“L-uniku rimedju li kellu r-rikkorent kienet l-istanza prezenti ghal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq li saret bla dewmien wara s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet: Vassallo Builders Limited vs John A. Said proprio et nomine.

“Il-Qorti, wara li qieset dan kollu tqis li r-rikorrenti ghandu jigi kumpensat ghad-dewmien ingustifikat fl-ghoti tas-sentenza li ser iwasslu biex isofri danni reali u mhux merament morali, u fic-cirkostanzi ghalhekk qed takkorda lir-rikorrenti s-somma ta’ €1,000 bhala danni reali u morali biex jaghmel tajjeb ghal ksur tad-dritt tieghu ghal decizjoni fi zmien ragonevoli.

“Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddecidi billi filwaqt li tichad r-risposta tal-intimat Avukat Generali, tilqa’ t-talbiet attrici limitatment in kwantu gie lez id-dritt ghal ghoti ta-sentenza fi zmien xieraq ai termini tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €1,000 in linea ta’ danni hekk likwidati.”

**Rikors tal-appell ta’ John A. Said pro et noe.**

4. Ir-rikorrent hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fit-18 ta’ April 2011. Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

i. L-appellant isostni li t-talba tieghu kellha tintlaqa’ fit-totalita’ taghha u mhux limitatament kif deciz mill-ewwel Qorti. Hu jsostni li l-ewwel Qorti kellha thares lejn il-proceduri fl-assjem taghhom (tnax il-sena) u mhux jigu spezzettati bejn iz-zmien li ghadda biex jingabru l-provi (hames snin) u z-zmien li l-kawza damet differita biex tinghata s-sentenza (seba’ snin).

ii. Fit-tieni aggravju l-appellant jikkontendi li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti mhux gust u ekwu u lanqas rimedju effettiv. L-ammont likwidat Fit-tieni aggravju l-appellant jikkontendi li l-kumpens moghti favurih lanqas

biss se jkopri l-imghax zejjed li ser ikollu jhallas minhabba t-trapass taz-zmien. Oltre dan id-danni morali kellhom jigu specifikati u mhux mhalta f'daqqa mad-danni reali sabiex b'hekk ikun jaf precizament ta' xhiex ha l-kumpens.

5. Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tilqa' t-talbiet attrici *in toto* (ii) takkorda u tillikwida kumpens oghla minn €1,000 biex jkopri d-danni reali kollha sofferti mill-appellant u anke danni morali, li ghandhom jigu specifikati u (iii) tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat u akkollatu bl-ispejjez. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

**Risposta tal-Appell tal-Avukat Generali u Appell Incidentali tal-istess Avukat Generali.**

6. L-intimat appellat ipprezenta **r-risposta tieghu** fis-26 ta' April 2011 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

7. L-intimat ipprevalixxa ruhu mill-appell tar-rikorrent u intavola **appell incidentali** mis-sentenza appellata fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza in kwantu sabet li gie lez id-dritt ghall-ghoti ta' sentenza fi zmien xieraq u fejn ikkundannatu jhallas is-somma ta' €1,000 in linea ta' danni.

i. L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju billi r-rikorrent kellu rimedju taht l-Artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 li jitlob ir-riassenjazzjoni tal-kawza quddiem gudikant iehor.

ii. It-tieni aggravju huwa li l-ammont likwidat bhala danni ta' €1,000 ma kienx wiehed gust. Il-fattispecie ta' dan il-kaz ma kienux jiggustifikaw li jigu likwidati danni u d-dikjarazzjoni ta' lezjoni fiha nnifisha kienet tikkostitwixxi *just satisfaction.*

## Risposta tar-rikorrent ghall-appell incidentali tal-Avukat Generali

8. Ir-rikorrent wiegeb ghall-appell incidentali tal-Avukati Generali u talab li dan jigi michud bl-ispejjez kontra l-intimat.

## Ilment Kostituzzjonali u Konvenzjonali

9. Ir-rikorrent qed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu a tenur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi gie privat minn smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Appell Incidentali tal-Avukat Generali

10. Fl-appell incidentali tieghu l-Avukat Generali ssottometta li r-rikorrent kellu rimedju taht l-Artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 billi seta' jitlob li l-kawza tieghu tinstema' quddiem gudikant iehor[2].

11. L-ewwelnett jigi rilevat li din hija eccezzjoni gdida li ma gietx sollevata quddiem l-ewwel Qorti. Issa, huwa maghruf li fil-Qorti tal-Appell ma jistghux jigu sollevati eccezzjonijiet li qatt ma kienu gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti (salv dak li jinghad fl-Artikolu 732(1) u fl-Artikolu 731, tal-Kap. 12).

12. Fit-tieni lok jigi rilevat li l-Artikolu 195(5) gie introdott fis-sena 2007 meta din il-kawza kienet ilha tigi differita ghas-sentenza. Fil-ligi ma hemm ebda obbligu fuq parti li tipprezenta rikors simili ghal dak imsemmi fl-

---

[2] **Artikolu 195 (5) (b) tal-Kap 12**. "Meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, kull parti fil-każ tista', personalment, u mingħajr il-ħtieġa li tkun rappreżentata minn xi avukat, tagħmel rikors (liema rikors, madanakollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawża) lill-Prim Imħallef għal dan il-għan, u l-Prim Imħallef jista', għas-semplici raġuni li s-sentenza damet daqshekk biex tingħata, jilqa' it-talba biex il-membru tal-ġudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u biex il-każ għas-sentenza jiġi assenjat lil membru ieħor tal-ġudikatura; id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef, li tittieħed *in camera*, tkun finali u konklużiva; u fejn isir assenjament bħal dan ma jkunx hemm bżonn ta' notifika dwar dak l-assenjament"**.**

artikolu citat izda jibqa’ dejjem l-obbligu tal-qorti li tmexxi l-proceduri bil-heffa.

13. Mandakollu, din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-Avukat Generali fl-aggravji tieghu billi r-rimedju li qed jirreferi ghalih l-Avukat Generali ma jistax jigi kkunsidrat bhala xi rimedju effikaci, imma ghall-kuntrarju huwa rimedju li x’aktarx iwassal ghal aktar dewmien, li wiehed jirrikorri ghalih bhala l-ahhar mizura. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

14. Kwantu ghat-tieni aggravju tal-Avukat Generali fis-sens li fil-fattispecie tal-kaz ma kienx iggustifikat li jigu likwidati danni u li dikjarazzjoni ta’ lezjoni kienet bizzejjed u wahedha kienet tikkostitwixxi *just satisfaction,* din il-Qorti ser titratta dan l-aggravju flimkien mat-tieni aggravju tar-rikorrenti appellant, billi jirrigwarda l-istess mertu.

<u>Decizjoni tal-ewwel Qorti</u>

15. L-ewwel Qorti ddecidiet l-ilment tar-rikorrent billi qalet li kien hemm dewmien mhux ragjonevoli “limitatament ghad-dewmien fl-ghoti tas-sentenza u li per causa ta’ dan id-dewmien hu gie kkundannat ihallas imghax fuq somma likwidata mill-Qorti in litigazzjoni mid-data tal-prezentata tal-kawza kontrih sal-hlas eventwali hlas li seta’ sar qabel, li kieku s-sentenza ma damitx seba’ snin biex inghatat”.

16. L-ewwel Qorti, wara li qieset kollox, waslet ghall-konkluzjoni “li r-rikorrenti ghandu jigi kumpensat ghad-dewmien ingustifikat fl-ghoti tas-sentenza li ser iwasslu biex isofri danni reali u mhux merament morali, u fic-cirkostanzi ghalhekk qed takkorda lir-rikorrenti s-somma ta’ €1,000 bhala danni reali u morali biex jaghmel tajjeb ghal ksur tad-dritt tieghu ghal decizjoni fi zmien ragonevoli”.

<u>Aggravji tar-rikorrent appellant</u>

17. Fl-ewwel aggravju tieghu r-rikorrenti jilmenta li l-ewwel Qorti kellha thares lejn il-proceduri fl-intier

taghhom, (tnax-il sena) u mhux lejn iz-zmien biss li l-kawza damet differita ghas-sentenza. L-Avukat Generali wiegeb li l-ewwel Qorti ma sabitx vjolazzjoni relattiva ghal perjodu qabel ma' l-kawza thalliet ghas-sentenza u ghalhekk kienet korretta meta ma sabitx li kien hemm lezjoni f'dak il-perjodu specifiku.

18. L-ewwel Qorti sabet li ghalkemm ghaddew hames snin biex inghalqu l-provi, l-atti ma kienux juru li kien hemm waqfien ingustifikat fil-gbir tal-provi u d-differimenti u l-verbali kienu juru illi ma kienx hemm xi nuqqas attribwibbli lil xi parti jew tas-sistema gudizjarja li jista' jaghti lok ghal kriterju ta' irragonevolezza kif trid il-ligi. Madanakollu wara li nghalqu l-provi s-sentenza damet kwazi seba' snin biex tinghata minghajr ma rrizulta li kien hemm xi raguni gustifikabbli ghalfejn il-kawza, li ma kienitx daqshekk komplessa, kellha ddum daqshekk snin biex tinqata'.

19. Illi kif jghidu l-awturi **Van Dijk u Van Hoof**[3], li l-ewwel Qorti kkwotat, "When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. <u>In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings</u>. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case".

20. Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux, kif l-ewwel Qorti korrettement sabet f'dan il-kaz. Kien biss il-fatt li s-sentenza damet seba' snin biex tinqata' li rrenda dawk il-proceduri mhux ragjonevoli.

[3] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights 4th edition (2006) pag. 608.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant ma huwiex gustifikat stante li l-lezjoni kienet tirrigwarda biss il-perjodu li baqa' "dormant"[4] meta s-sentenza baqghet ma nghatatx.

21. Fit-tieni aggravju tieghu r-rikorrent isostni li l-kumpens moghti mhux gust billi ma jkoprix l-imghax zejjed li ser ikollu jhallas, kif ukoll li ma gewx specifikati d-danni morali.

22. L-Avukat Generali wiegeb li meta l-Qorti tkun qed titratta allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali m'hijiex obbligata li tistabilixxi d-danni u meta dawn jinghataw dawn jirriflettu l-fattispecie tal-kaz partikolari. Skont l-Avukat Generali f'dan il-kaz id-dikjarazzjoni ta' lezjoni da parti tal-ewwel Qorti kellha fiha nnifisha tikkostitwixxi *just satisfaction.* Fuq dan il-punt l-Avukat Generali ressaq appell incidentali[5].

23. Dwar *just satisfaction,* ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibili, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum.* Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction.* Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn ikun hemm cirkostanzi insoliti jew ikun hemm rimedju jew il-konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunarju ghal dik il-vjolazzjoni.

24. Kif inghad fis-sentenza **Amato Gauci v. Malta** deciza fil- 15 ta' Settembru 2009, "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied (*ibid.,* § 249).

---

4 Debono v. Malta 7/2/2006 para 39.

5 – ara tieni aggravju.

25. Fil-kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju li jsemmi l-Avukat Generali ma jghoddx ghall-kaz in ezami billi l-vjolazzjoni ma kinitx wahda ta’ natura marginali, izda d-dewmien ingustifikat kien ikopri perjodu eccessivament twil u mhux ragjonevoli, kunsidrat ukoll il-fatt li l-kawza ma kienitx wahda komplessa. Is-semplici dikjarazzjoni ta’ lezjoni ma toffri ebda sodisfazzjon ghall-appellant. Ir-*resitutio in integrum* f’dan il-kaz mhux impossibbli. L-uniku rimedju disponibbli huwa dak ta’ kumpens fi flus.

26. L-appell incidentali tal-Avukat Generali b’dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

27. Iz-zewg punti li ressaq l-appellant fit-tieni aggravju tieghu huma li l-ammont likwidat ma jkoprix l-imghax kollu li huwa ser ikollu jhallas billi l-kawza damet daqshekk biex tinqata, u fit-tieni lok li l-ewwel Qorti ma specifikatx liema kien il-kumpens ghad-danni morali u liema ghad-danni materjali.

28. Illi kif jinghad fis-sentenza Q.K. F. **Said et v. l-Avukat Generali** deciza fit- 3 ta’ Frar 2009[6] “ir-rimedju li tista’ taghti l-Prim’ Awla (kif ukoll din il-Qorti) bhala rimedju ghad-dewmien jista’ jvarja minn semplici dikjarazzjoni ta’ lezjoni, ghal danni morali jew, eccezzjonalment, anke ghal danni materjali.”

29. Illi din il-Qorti taqbel mal-appellant li kien ikun ahjar, li kieku, la darba l-ewwel Qorti ddistingwiet biex danni morali u danni materjali, hija specifikat liema kienu d-danni morali u liema d-danni materjali. Madanakollu din il-Qorti hi tal-fehma li f’kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex jaghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili. Inoltre ma jirrizultax li meta l-ewwel Qorti llikwidat il-kumpens kellha f’mohha li tkopri d-danni materjali partikolari kollha.

[6] Ara para 26 ta’ l-istess sentenza.

30. Kwantu għas-sottomissjoni tal-appellant li hu ser jeħel aktar imgħax minħabba d-dewmien fl-għoti tas-sentenza, din il-Qorti tirrileva li konvenut fis-sentenza civili jiġi kkundannat iħallas l-imgħax appuntu minħabba dewmien fil-pagament tas-somma li tiġi liwidata mill-Qorti. F’dan il-kaz il-parti tas-sorte li r-rikorrent ġie kkundannat mill-Prim Awla li jħallas baqgħet għandu u hu baqa’ jgawdi dawk il-flus, minn 1998, meta nfetħet il-kawża, sad-data tal-eventwali pagament.

31. In vista ta’ dan, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

32. Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kif deċiżi mill-ewwel Qorti. Tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tiegħu u tiċħad ukoll l-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali, spejjez għall-istess Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------